MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 1235/2000/1

Avviz Nru:  1235/00 DM

Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ian Colclough u l-istess Ian Colclough

vs

Mario Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghal- kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' erba'  mija u erba' liri erbgha u erbghin centezmu (Lm404.44) in kwantu ghal tliett mija disgha u sebghin lira erbgha u erbghin

centezmu (Lm379.44c) lis-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Ian Colclough, in linea ta' danni - minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Gwann fit-28 ta' Jannar 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vetttura Nru LAB 876 habat mal-vettura Nru PNT 001 proprjeta tal-attur Ian Colclough – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort ta' l-eccipjenti izda unikament tort ta' Anna Colclough, is-sewwieqa awtorizzata mill-attur, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Anna Colclough hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

2 Illi subordinatament, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suesponst, l-ammont pretiz mill-aturi huwa eccessiv.

Semghet ix-xhied prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni bejn vettura assikurata mall-kumpanija attrici li kienet qed tinsaq fit-triq principali u ghad-dritt u li habtet mall-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet hierga minn triq laterali u fejn ukoll kien hemm indikat ‘stop sign’ ma’ l-art biex jindika lil l-istess konvenut illi qabel ma jipprocedi ghall go t-triq principali huwa kellu jieqaf biex jesplora t-triq.

Dawn il-fatti ghalhekk jindikaw illi r-responsabbilta’ ta’ din il-kollizzjoni hija tal-konvenut sakemm il-konvenut ma jipprovax illi, ghalkemm huwa kien digia’ invada t-triq principali, l-kawza tal-kollizzjoni ma kienetx dina l-invazzjoni imma s-sewqan irregolari u bla kont ta’ s-sewwieqa tal-vettura assikurata mall-atturi.

Fid-deposizzjoni taghha, Anna Colclough tallega illi, waqt li hija kienet qed issuq bi speed regolamentari, kif waslet fil-vicinanzi tat-triq laterali fuq ix-xellug taghha, il-konvenut baqa’ jipprocedi go l karreggjata principali minghajr ma esplora sew it-triq u laqatha waqt li kienet ghaddejja minn quddiemu.

Min-naha l-ohra l-konvenut, Mario Grech, ma jinnegax illi effettivament huwa kien ipproceda oltre l-‘istop sign’ u kien invada l-karreggjata principali qabel ma saret il-habta, izda jispjega dan il-fatt billi jallega illi minhabba l-bini fuq ix-xellug tieghu kellu bil-fors jaqbez l-‘istop sign’ biex ikun jista’ jesplora sew it-triq ghall xi traffiku provenjenti minn fuq il-lemin tieghu.

In segwitu jallega illi, wara li esplora fuq il-lemin tieghu u gie biex jitlaq minn Triq is-Santwarju u biex jidhol fit-triq principali, sab quddiemu mill-ewwel il-vettura l-ohra.

Isosstni wkoll illi l-vizwali fuq in-naha tal-lemin tieghu, li hija l-unika direzzjoni minn fejn setghu ikunu provenjenti vetturi, kienet biss ta’ ghaxar (10) metri u li kienet il-vettura l-ohra illi mxiet dawn l-ghaxar (10) metri f’mument istantaneju minn meta huwa waqaf ihares lejn il-lemin sakemm telaq saqajh minn fuq il-clutch.

Izda dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenut m'huma xejn kredibbli peress illi kemm mill-isketch ipprezentat mill-ufficjal tal-pulizija, kemm mir-ritratti esibiti mill-atturi, jirrizulta ampjament illi l-bini fuq in-naha tal-lemin tal-konvenut ma kien jostakola b'ebda mod il-vizwali tal-konvenut fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Inoltre, ghalkemm verament it-triq minn fejn kienet provenjenti Ann Colclough hija ghat-tela, vettura provenjenti minn dik id-direzzjoni kienet tkun tidher u fil-vizwali ta' minn kien hiereg mit-triq laterali hafna iktar minn l-ghaxar (10) metri li allega l-konvenut kif anke jirrizulta wkoll mir-ritratt dokument AC 2 esibit mill-atturi (a fol 44 tal-process).

Izda ghandhu wkoll rilevanza kbira l-fatt illi l-vettura misjuqa minn Ann Colclough ma halliet ebda sinjali ta' brejk u mill-entita ta' l-hsara ma jirrizultax illi din il-vettura li kienet miexja fit-triq principali setghet kienet ghaddejja b'xi speed oltre dak moderat konsentit f'dawk l-inhawi u ghalhekk huwa inkredibbli dak li allega l-konvenut illi din il-vettura waslet fuqu f'dik il-frazzjoni ta' sekonda illi fiha huwa nehha ghajnejh fuq il-lemin biex jipprocedi lejn ix-xellug.

Infatti l-procediment il-quddiem setgha jsir anke waqt illi l-konvenut kien ghadu qed jesplora l-lemin tieghu billi minn dik id-direzzjoni biss setgha jkun gej traffiku li huwa setgha jostakola u jfixkel.

Apparti dawn l-indizji, l-brejk mark, li l-Qorti hija soddisfatta li giet imhollija mill-vettura tal-konvenut, hija ndikazzjoni li l-konvenut kien saq bla kont meta avvicina t-triq principali u minghajr ma esplora fuq in-naha tal-lemin tieghu baqa' hiereg oltre l-'istop sign' u b'hekk ostakola l-karreggjata tall-vettura assikurata mall-atturi u kien il-kawza esklussiva ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni kollha illi gew ikkawzati.

Ghall dak li jirrigwarda danni, ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-ammont mitlub u allega illi dawn jistghu jkunu eccessivi, mid-deposizzjoni ta' Joseph Mula u mid-

dokumenti minnhu esibiti li jikkomprendu s-survey report u l-ircevuti kollha relattivi, l-Qorti hija sodisfatta illi s-somma mitluba mill-atturi ta’ Lm404.44 (erba’ mija u erba’ liri Maltin u erba’ u erbghin centezmu) hija gustifikata u ghaldaqstant qedgha tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta’ dan l-incident fis-somma ta’ Lm404.44 (erba’ mija u erba’ liri Maltin u erba’ u erbghin centezmu) u qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi din is-somma kif mitluba ta’ Lm404.44 (erba’ mija u erba’ liri Maltin u erba’ u erbghin centezmu) u dan in kwantu ghall Lm379.44 (tlett mija u disgha u sebghin liri Maltin u erba’ u erbghin centezmi) lill-atturi Elmo Insurance Agency Limited u s-somma ta’ Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) lill-attur Ian Colclough, u dana oltre l-imghax legali mit-12 ta’ Settembru tas-sena 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------